**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 1213/2022 DC**

***HSBC Bank Malta Plc (C 3177)***

***vs***

***Paul Desira***
***Sandra Desira***

Illum, 18 ta' Settembru, 2023

**Il-Qorti -**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat minn HSBC Bank Malta Plc fit-23 ta' Diċembru 2022 permezz ta' liema ppremetta s-segwenti:-

1. *Illi in forza ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Briffa tat-13 ta' Frar 2022, l-bank attur kien ikkonċeda faċilita` bankarja konsistenti f'self fl-ammont ta' €59,000 liż-żewġ konvenuti Desira;*

2. *Illi dan is-self ingħata in segwitu u abbażi ta' Sanction Letter maħruġa mill-Bank u datata t-28 ta' Diċembru 2011;*

3. *Illi fost l-obbligi hemm assunti, il-konvenuti Desira kienu obbligaw irwieħom favur il-Bank illi jivversaw pagamenti mensili fl-ammonti ta' €354.08;*

4. *Illi iżda minkejja dan, il-konvenuti, wara numru ta' snin, ma żammewx ma' dan l-obbligu kif jirriżulta mill-prospett anness;*

5. *Illi anki meta interpellati permezz ta' ittra uffiċjali tal-1 ta' Lulju 2022 sabiex iħallsu l-arretrati huma baqgħu inadempjenti, biex b'hekk huma tilfu l-benefiċċju taż-żmien u l-ammont kollu bilanċjali sar minnufih dovut;*

6. *Illi għalhekk, fl-1 ta' Diċembru 2022, il-konvenuti Desira kienu debituri tal-Bank attur fis-somma ta' €46,090.90 in kwantu kapital kif ukoll fis-somma ta' €4,079.07 in kwantu imgħaxijiet ikkalkulati sa dakinhar, u dan oltre l-imgħaxijiet leġali mit-2 ta' Diċembru 2022 sal-pagament effettiv.*

U wara li hekk ippremetta talab lil din il-Qorti:-

1. *Tiddikjara illi l-konvenuti Desira huma, solidalment bejniethom, debituri tal-Bank attur fis-somma kumplessiva ta' ħamsin elf mija disgħa u sittin Ewro u sebgħa u disgħin centezmu (€50,169.97), oltre l-imgħaxijiet legali ulterjuri mit-2 ta' Diċembru 2022 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

2. *Tikkundanna lill-istess konvenuti Desira, solidalment bejniethom, iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' ħamsin elf mija disgħa u sittin Ewro u sebgħa u disgħin ċentezmu (€50,169.97), oltre l-imgħaxijiet legali ulterjuri mit-2 ta' Diċembru 2022 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali sureferita u tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1690/22 fl-istess ismijiet premessi, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

Rat id-digriet mogħti fit-13 ta' Jannar 2023 mill-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[1].

Rat li l-konvenuti debitament notifikati bir-rikors ġuramentat ma preżentawx risposta ġuramentata u għalhekk gew dikjarati kontumaċi[2].

Semghet il-provi tal-bank attur.

Rat li l-konvenuti ngħataw żmien xahar biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom ai termini ta'l-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[3], iżda is-sottomissjonijiet baqgħu ma sarux.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-konvenuti konjuġi Desira, flimkien u in solidum bejniethom, ħadu faċilita ta' self, mingħand il-bank attur, f'l-ammont ta'

[1] A fol 23.
[2] Ref verbal a fol 39.
[3] Ref verbal ta'l-udjenza miżmuma fit-12 ta' Ġunju 2023 a fol 40.

disgħa u ħamsin elf Euro (€59,000); dan permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Frar 2012 ippubblikat min-Nutar Dr Maria Briffa. Kopja tal-kuntratt hija esebita in atti[4]. Dan is-self ingħata in segwietu għall-ħruġ ta' *sanction letter* datata 28 ta' Diċembru 2011; din is-sanction letter ukoll hija esebita in atti[5].

Illi fil-kuntratt imsemmi ġie stipulat x'konsegwenzi jkun hemm f'każ li jkun hemm ksur ta' l-obbligi elenkati fid-dokument anness mal-kuntratt u intestat "Ksur ta'l-Obbligi":

- *il-Bank jista' jiddikjara, billi javża lill-Klijenti bil-miktub, li s-self huwa dovut u pagabbli minnufih, flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjes relattivi;*
- *il-Bank ikun jista' jinforza kull dritt li jappartjeni lilu għal ħlas lura tas-self u kull garanzija a favur tal-Bank tiġi fis-seħħ.*
- *Il-Klijenti jitilfu kull benefiċċju taż-żmien mogħti lilhom għal ħlas tas-self u l-imgħax relattiv u dan iseħħ mingħajr ebda proċeduri oħra.*

Illi inkluż ma'l-obbligi elenkati fid-dokument anness mal-kuntratt u intestat "Ksur ta'l-Obbligi" hemm dawk li jekk:

- *il-Klijent jonqos li jħallas kull somma dovuta (ħlas tas-self, imgħaxijiet jew kwalunkwe somma oħra) mill-Klijent skond il-kuntratt ta' self jew/u sanction letter u bil-mod stipulat fil-kuntratt ta' self jew/u sanction letter;*[6]
- *jekk il-Klijent jonqos milli jħallas kull somma dovuta minnu (kemm bħala debitu prinċipali jew garanti) lill-Bank jew lil terza persuna;*[7]

Illi skond l-kundizzjonijiet elenkati fis-sanction letter[8] u il-General Conditions Regulating Loans formanti parti integrali mill-istess sanction letter, il-kapital misluf u l-imgħax li kien qed jiddekkorri fuqu kellhom jitħallsu lura pemezz ta' pagamenti mensieli ta' tlett mija erbgħa u ħamsin Euro u tmien ċenteżmi (€354.08) fuq pejodu ta' tlieta u għoxrin (23) sena. L-istess sanction letter tistabilixxi ukoll li jekk id-debituri ma jhallsux l-ammonti patwieti, u jibqgħu inadempjenti għal perjodu ta' aktar minn ħmistax il-ġurnata wara li jiġu notifikati b'ittra uffiċjali, jitilfu l-beneffiċju tat-terminu u l-bilanċ kollu jsir immedjatament dovut.

Illi mill-atti jirriżulta li l-konvenuti ġibdu l-ammont kollu lilhom misluf skond il-kuntratt fuq imsemmi u dan permezz ta' żewġ żbanek: sitta u erbgħin elf u sitt mitt Euro (€46,600) fit-13 ta' Frar 2012, u tnax il-elf u erbgħa mitt Euro (€12,400) fit-2 ta' Marzu 2012[9]. Jirriżulta ukoll li għalkemm inizjalment il-konvenuti kienu qed iżommu mal-paġamenti kif patwieti, mis-sena 2015 bdew ifallu xi pagamenti.

---

[4] Dok A a fol 4.
[5] Ref Dok B a fol 8.
[6] Ref paragrafu (b) tad-dokument.
[7] Ref paragrafu (c) tad-dokument.
[8] Ref Paragrafu (1) intestat "repayment".
[9] Ref ir-rendikont Dok C a fol 14.

Mis-sena 2020 mbagħad il-pagamenti bdew isiru b'mod sporadiku u f'ammonti li ma kienux ilaħħqu dawk patwieti[10].

Illi f'l-1 ta' Lulju 2022 intbagħtet ittra uffiċjali lill-konvenuti permezz ta' liema ġew interpellati jħallsu l-arretrati kollha dovuta sa dak in-nhar; dak in-nhar l-arretrati kienu jammontaw għal disgħa t'elef u tmien mija u tnejn u erbgħin Euro (€9,842). Il-konvenuti ġew intimati ukoll li fin-nuqqas ta' ħlas il-bilanċ intier ikun dovut f'daqqa u dan skont il-kondizzjonijiet tal-kuntratt[11].

Illi minkejja din l-ittra uffiċjali, notifikata lilhom fil-11 ta' Lulju 2022, il-konvenuti m'għamlu l-ebda pagament ieħor u fit-23 ta' Diċembru 2022 saret din il-kawża. Kien biss wara li l-konvenuti ġew notifikati bir-rikors ġuramentat li għamlu żewġ pagamenti ta' ergħa mija u ħamsin Euro il-wieħed[12].

Illi dawn il-fatti jirriżultaw ampjament mill-provi tal-bank attur.

Illi mill-atti jirriżulta ukoll li fit-23 ta' Diċembru 2023, meta ġie ippreżentat ir-rikors promutur, il-konvenuti kienu morużi fil-ħlas ta' kapital f'l-ammont ta' sitta u erbgħin elf u disgħin Euro u disgħin centezmu (€46,090.90) u imgħax ta' erbgħat elef u disgħa u sebgħin Euro u sebgħa ċenteżmi (€4,079.07).

Illi kif ntqal wara li ġiet preżentata din il-kawża l-konvenuti għamlu żewġ pagamenti ta' erbgħa mija u ħamsin Euro (€450). Dawn il-pagamenti huma riflessi fir-rendikont aġġornat preżentat[13]; minnu jidher li l-ammont dawn l-ammonti marrru akkont ta'l-imgħax dovut fuq il-kapital.

Illi mill-istess rendikont u anke mid-depożizzjoni ta' Doreen Cunningham jidher li l-kapital issa pretiż żdied għaliex hemm inkluż fih l-ammont ta' tlieta u sebgħin Euro (€73) rappreżentanti ħlas ta' polża ta' assigurazzjoni liema ħlas sar dovut fis-6 ta' Marzu 2023 u meħud mill-istess kont ta' self tal-konvenuti. Dan l-ammont pero ma jistax jittieħed in konsiderazzjoni għaliex ma kienx jifforma parti mill-kapital dovut meta saret din il-kawża.

Illi konsegwentment, u minkejja li x-xhud Doreen Cunningham qalet li l-ammont dovut fil-11 ta' Mejju 2023 kien ta' ħamsin elf disgħa mija u tlieta u disgħin Euro u sebgħa ċenteżmi (€50,993.07), u cioe kapital ta' €46,163.90 u imghax ta' erbgħat elef tmien mija u disgħa u għoxrin Euro u sbatax il-ċenteżmu (€4,829.17), it-talbiet attriċi ser jiqu milqugħa f'l-ammont mitluba fir-rikors ġuramentat.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[10] Ref ir-rendikont Dok C u l-affidavit ta' Doreen Cunnigham a fol 42.
[11] Kopja ta'l-ittra uffiċjali hi esebita Dok D a fol 19.
[12] Dan ukoll jirriżulta mill-affidavit ta' Doreen Cunningham u r-rendikont aġġornat anness ma'l-istess affidavit.
[13] A fol 44.

1) **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara illi l-konvenuti Desira, solidalment bejniethom, huma debituri tal-Bank attur f'l-ammont ta' sitta u erbgħin elf u disgħin Euro u disgħin centezmu (€46,090.90) flimkien ma'l-imgħax li sa'l-1 ta' Diċembru 2022 kien jammonta għal erbgħat elef u disgħa u sebgħin Euro u sebgħa ċenteżmi (€4,079.07), oltre l-imgħaxijiet legali ulterjuri mit-2 ta' Diċembru 2022 sad-data tal-pagament effettiv; u

2) **Tilqa' t-tieni talba u** tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' sitta u erbgħin elf u disgħin Euro u disgħin centezmu (€46,090.90) flimkien mal-imgħax li sal-1 ta' Dicembru 2022 kien jammonta għal erbgħat elef u disgħa u sebgħin Euro u sebgħa ċenteżmi (€4,079.07), oltre l-imgħaxijiet legali ulterjuri mit-2 ta' Diċembru 2022 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kif mitluba kontra l-konvenuti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**